**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Lulju, 2016.**

Kawza Numru: 903/2015JB

Numru: 4

**Go p.l.c. (C22334)**

***vs***

**Daniela Bartoli (K.I.: 323980M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-25 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu s-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, hames mija u tlieta u hamsin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,553.27) rapprezentanti servizzi ta' telefonija fuq diversi kontijiet kif indikat fl-istess Avviz (a fol 21). Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra l-Avviz tas-Smiegh fejn il-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-11 ta' Jannar 2016 (a fol 23);

Ra li l-Konvenuta, debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni (a fol 31, 33, 35 u l-verbal a fol 37) laqghet ghal din il-kawza billi nhar il-21 ta' Gunju 2016 ipprezentat risposta (a fol 41) fejn eccepiet dan li gej:

1. Illi ebda ammont mhu dovut;

2. Illi fl-eventwalita li hemm xi ammonti dovuti, dawn huma dovuti minn terzi u mhux minhha kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

Sema' x-xhieda ta' Charmaine Wiffen prodotta mis-Socjeta Attrici fejn ikkonfermat il-pretensjoni attrici (a fol 39);

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2016 (a fol 43) fejn il-kawza thalliet ghall-provi tal-Konvenuta ghas-seduta tal-lum;

Ra li fis-seduta tal-lum il-Konvenuta ma dehritx ghad li dehret l-avukat taghha, ma giebet ebda provi fil-waqt li t-talba taghha ghas-sejha fil-kawza ta' terz ma giet michuda;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, fil-waqt li s-Socjeta Attrici rnexxilha tipprova t-talba taghha, il-Konvenuta naqset milli tressaq provi u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi, prevja li jichad l-eccezzjonijet tal-Konvenut, jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-Konvenuta thallas is-somma ta' €1,553.27, bl-ispejjez kollha tal-proceduri u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kawza a karigu tal-Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*